MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 143/2003

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs

Donald Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-11 ta' Novembru, 2001 ghall-habta tad-9.30 a.m. fil-hanut Golden Harvest, 97 High Street, Sliema, naqas, jew hu jew impjegati tieghu, jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom

tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;
2) U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu li taghti w tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 88 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-11 ta' Lulju, 2003, li biha wara li rat l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-Erbatax il-Skeda li tinsab ma' l-istess Att, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza w ikundannatu ghal piena ta' LM 200 multa, w astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza li kienet akkuza alternattiva;

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati w tirrevokaha fejn sabitu hati w hekk tilliberah minn kull htija w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' : 1. li jekk il-ligi tippretendi li hekk kif il-flus jaslu f'idejn il-bejjiegh tiskatta l-ircevuta , allura l-idejn iridu jkunu programmati li kif ihossu l-flus tiskatta l-istess ricevuta . Jekk fil-post kien hemm cash register wiehed u kien qed jithaddem minn haddiehor , bil-fors irid jistenna t-turn tieghu halli jaghmel ricevuta u dan trid issir malajr imma mhux f' tebqa t'ghajn u bhal sajjetta. Ix-xhud tal-prosekuzzjoni gharfet dan fil-kontroezami w l-prova li

jaghmel l-imputat hija bizzejjed li tkun sal-grad tal-probabbilta'. Ix-xhud tal-Prosekuzzjoni kkonfermast dokument li l-original tieghu lanqas biss kienet iffirmatu. Dan ma jaghmilx prova ghaliex ma kienux notamenti mehuda a tempo vergine . Ix-xhud l-ohra li ghamlet ir-rapport ma telghetx tixhed u ghalhekk il-provi ma kienux tali li l-appellant ragjonevolment kellu jinstab hati.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Ikkonsidrat ;

Illi mill-provi mismugha quddiem din il-Qorti irrizulta li Lilian Fiedler , VAT Inspector , kienet qed taghmel inspection gewwa l-Golden Harvest f' 97 High Street, Sliema u rat li mara kienet xtrat pakkett juice bil-prezz ta' sebghin centezmu , hallset u ma nghatatx ricevuta . Hi kellmet lill-appellant li kien ta l-oggett lil din il-mara w thallas u talbitu johrog ricevuta u hekk ghamel, bla ebda argument . Ma qal xejn. Il-post hu registrat fuq l-appellant bhala “owner” . Wara talbuh johrog l-X-reading u dan hareg bl-inkluzjoni tal-ahhar ricevuta li kienet talbitu jaghmel. Hi kienet akkompanjata minn kollega ohra li pero' ma xehditx lanqas quddiem l-Ewwel Qorti . Il-gurnata kienet il-Hadd u meta huma talbu ir-ricevuta kien hemm ragel iehor fil-hanut mall-appellant li ma tafx hux missier l-appellant . Dar ragel kien qed iservi ukoll pero' l-biegh in kwistjoni kien ghamlu l-appellant . Dak il-hin kien hemm nies ohra fil-hanut pero' mhux kwantita'. Il-hanut hu ta' daqs normali, kamra .

Illi mix-xhieda ta' Paul Scicluna li kkonferma d-dokumenti esebiti (fols. 5 , u 6) jirrizulta li l-hanut hu registrat fuq isem l-appellant mal-VAT Derpartment.

L-appellant xehed li dak in-nhar kien hemm ir-“rush” tan-nies wara li kienet spiccat il-quddiesa u hu w missieru kienu fuq il-“cash” . Missieru kien qed jaghmel kont qabel ezatt li hu kellu l-flus u kien hemm mara li qaltlu tini pakkett juice u tatu flus ezatt u hu kien qieghed bil-flus

f'idejh jistenna lil missieru jispicca minn fuq il-cash . Il-VAT inspectors ma tawhx cans li jlesti missieru biex jaraw x'ser jaghmel warajh , jekk il-flus hux ser jitfaghhom u jekk hux ser jaghmel ricevuta . Fil-pront qalulu jigbed ir-reading u biex jaghmel ricevuta ta' pakkett juice lil dik il-mara. Sadattant dik il-mara kienet lahqet harget . Mistoqsi mill-Qorti ghaliex ma kienx qalilha biex tistenna halli jatiha ricevuta, l-appellant wiegeb li lill-persuna kien qalilha "Tini cans ha natik il-karta " u din qaltlu "M'hemmx ghalfejn nistenna." Imma hu xorta kien ser jaghmilhha r-ricevuta . Ghadset rasha w telqet il barra . L-Inspectors ma tawhx cans li jaghmel dan wara li jlesti l-kont missieru u b'hekk ma setax jippunchjhom. Dan kien spjegah lill-Inspectors meta wara hareg ikellimhom barra ghax mhux ser ikellimhom quddiem hanut nies. Hu ir-ricevuta kien ser jatiha bic-cert.

Ghalkemm normalment din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti, dan jidher li hu kaz fejn il-provi jhallu f'mohh il-gudikant dak id-dubbju dettat mir-raguni jekk fil-fatt, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-inspectors agixxewx tempestivament izzejjed meta minnufieh hadu passi ghax ma nhargitx ir-ricevuta mall-hagra t-tajn hekk kif sar il-passagg tal-flus. Il-versjoni tal-appellant li peress li fuq il-cash register wiehed li kien hemm fil-hanut, kien qed jahdem missieru w allura hu kellu bil-fors jistenna, tidher li tista' tigi accettata al menu fuq bazi ta' probabbilta'. Hu veru li l-mara li xtrat il-juice lahqet harget mil-hanut pero' l-appellant xehed li qalilha li ser jatiha r-ricevuta izda din ma riedetx tistenna. Anki fid-dawl tal-mod pjuttost incert li bih xehdet Lilian Fiedler dwar ir-rejazzjoni tal-appellant u fl-assenza ta' korroborazzjoni mill-Inspector l-ohra li ghalkemm kienet prezenti ma gietx prodotta bhala xhud, din il-Qorti ghandha dak id-dubbju dettat mir-raguni li wara kollox l-fatti setghu zvolgew kif spjega l-appellant fix-xhieda tieghu .

Jekk ma kienx hemm il-possibilta' li fil-hin materjali li kien hemm bejn il-passagg tal-flus, l-hrug tal-mara mill-hanut u l-intervent tempestiv tal-Inspectors biex tinhareg ricevuta ghax fuq il-"cash register" kien qed jaghmel kont iehor

missier l-appellant , allura ma jistax jintqal li r-reat fil-fatt kien kunsmat . Illi hadd ma jista' jgieghel klient mghaggel jistenna l-hrug tal-ircevuta . L-obbligu tal-ligi hu li ssir ricevuta u din trid bil-fors isir fuq il-"cash register" u jekk dan verament ikun qed jigi uzat minn haddiehor, bil-fors irid jghaddi xi hin bejn il-passagg tal-flus u l-ippuncjar tad-dettalji fuq il-cash register u l-hrug tar-ricevuta. F'dan il-kaz jidher li hemm dubbju dettat mir-raguni jekk dan il-hin ragjonevoli kienx fil-fatt ghadda u dan irid imur favur l-appellant .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-appellant ghall-mitejn lira (LM200) multa w konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------